PR211580

**30/08/2021**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

B'referenza għal-stqarrija numru 211487 li nħarġet fi 06/08/2021, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni addizzjonali li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmijin prodotti ***m'għandhomx jiġu kkunsmati għaliex instab li fihom ingredjent li huwa kkontaminat bl-Ethylene oxide.***

| | |
|---|---|
| **Isem tal-prodott:** | Bevanda Nocciola – Xarba b'bażi ta' ġellewż |
| **Ditta:** | OraSi` |
| **Volum:** | Litru |
| **Lott u Data tad-durabbilita`:** | Lott: 21061, Data tad-durabbilità: 25/02/2022<br>Lott: 21085, Data tad-durabbilità: 21/03/2022 |





| | |
|---|---|
| **Isem tal-prodott:** | Bevanda Noce – Xarba b'bażi ta' ġewż |
| **Ditta:** | OraSi` |
| **Volum:** | Litru |
| **Lott u Data tad-durabbilita`:** | Lott: 21103, Data tad-durabbilità: 08/04/2022 |




L-Ethylene oxide huwa pestiċida li l-użu tiegħu fl-ikel mhuwiex awtorizzat fl-Unjoni Ewropeja, iżda hu awtorizzat f'pajjiżi barra l-UE. Għalkhemm il-konsum tal-prodott mhux ta' riskju immedjat, hemm riskju ikbar jekk ikel differenti li jkun ikkontaminat b'din il-kimika jittiekel għal perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, wieħed għandu jnaqqas kemm jista jkun il-konsum ta' prodotti li jkun fihom din il-kimika, anke jekk f'livell baxx. Din it-twissija qed tinħareġ ukoll wara li kien hemm qbil bejn l-istati membri hekk kif irrappurtat fuq **https://ec.europa.eu/food/system/files/2021-07/rasff_ethylene-oxide-incident_e410_crisis-coord_sum.pdf**.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' iċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon –

2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.